# Fra Dr Giuseppe Zammit, Ħal Balzan, u l-Artal ta' San Pawl l-Eremit

Carmel Bezzina, BA, MA, MEd (Bristol)

**Waħda miż-żewġ irħamiet li nsibu fil-kor bejn il-pilastri tal-apside, waħda fuq kull naħa tal-artal titulari, tfakkar studjuż Malti ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann li rabat ismu mhux biss ma' Ħal Balzan imma wkoll mal-artal ta' San Pawl l-Eremit fil-knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal. Dan l-istudjuż huwa t-Tabib Fra Ġużeppi Zammit, li wkoll għandu triq imsemmija għalih f'Ħal Balzan, it-triq li tibda minn dak li fl-imgħoddi kien Sqaq Numru 2 fi Triq il-Providenza u tibqa' nieżla sa wara Falzon Service Station fi Triq in-Naxxar, Birkirkara.**

## Ħjiel bijografiku

It-Tabib Ġużeppi Zammit twieled il-Belt Valletta[1] nhar it-18 ta' Marzu 1650 u tgħammed l-għada, jum il-festa ta' San Ġużepp, fil-knisja tal-Portu Salvu tal-patrijiet Dumnikani. Jista' jkun li semmewh Ġużeppi billi tgħammed f'jum il-festa ta' dan il-qaddis.[2] Il-ġenituri tiegħu kienu Pietru u Katarina, imwielda Borg, it-tnejn minn Ħal Balzan. Nannietu wkoll kienu minn dan ir-raħal. In-nanniet min-naħa tal-missier kienu Ġulju Zammit u Bernarda, u n-nanniet min-naħa tal-omm kienu Gaspru Borg u Vennera. Jidher li l-familja tat-Tabib Zammit kienet tat-tajjeb: kellhom djar il-Belt Valletta u Ħal Balzan, u kellhom ir-raba' f'diversi nħawi ta' Malta. It-Tabib Zammit kellu tliet aħwa: Bernardin, li kien kanonku tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara,[3] u żewġt ibniet, Klara u Marija, it-tnejn miżżewġin. Ġużeppi kellu wkoll ilsir li kienet tathulu oħtu Klara fl-1707.[4]

Minkejja li t-Tabib Zammit kien bniedem magħruf sewwa fi żmienu, ftit għandna tagħrif dwaru u dwar il-ħajja tiegħu. Jidher li qatta' ħafna żmien minn ħajtu l-Belt Valletta, u kien hemm żmien meta kien joqgħod f'kamra fl-Infermerija tal-Belt fejn kien jaħdem. Ma nafux fejn studja l-mediċina, iżda nistgħu ngħidu fiż-żgur li huwa studja barra minn Malta billi fis-seklu XVII fil-gżejjer tagħna kien għad ma kellniex Università u lanqas Skola Medika, u ż-żgħażagħ Maltin li xtaqu jistudjaw il-liġi, it-teoloġija, u l-mediċina kellhom isiefru biex jagħmlu l-korsijiet akkademiċi tagħhom. Lanqas ma nafu fejn ħa l-formazzjoni tiegħu fit-teoloġija, jew x'wasslu biex jgħaqqad flimkien iż-żewġ sejħiet ta' qassis u tabib.[5]




Fra Dr Ġużeppi Zammit (1650–1740), l-ewwel għalliem tal-anatomija u l-kirurġija fl-Iskola Medika ta' Malta. Jinsab midfun fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan taħt l-artal ta' San Pawl l-Eremit

## Għalliem tal-Anatomija u l-Kirurġija

Fra Ġużeppi Zammit jitfaċċa fix-xena lokali fil-qasam tal-mediċina fid-19 ta' Diċembru tas-sena 1676 meta, minkejja li kien għad kellu biss 26 sena, inħatar l-ewwel Mexxej u Għalliem (*Lettore*) tal-Katedra tal-Anatomija u l-Kirurġija li waqqaf il-Gran Mastru Nikola Cottoner (1663–1680) fis-Sagra Infermerija tal-Belt Valletta. "Minn din il-Katedra, li Fra Dr Zammit mexxa matul ħajtu, tnisslet l-Iskola Medika ta' Malta li għandna llum u li fl-1769 ingħaqdet mal-Fakultà tal-Mediċina tal-Università meta din twaqqfet mill-Gran Mastru Emanuel Pinto."[6]

It-Tabib Pawlu Cassar, awtorità ewlenija fl-istorja tal-mediċina f'Malta, jgħidilna li ma sab l-ebda tagħrif dwar il-ħila ta' Dr Ġużeppi Zammit bħala għalliem, jew xi noti personali li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-kompetenza tiegħu. Li nafu hu li Dr Zammit kien ikkritikat għax it-tagħlim tiegħu tal-anatomija u l-kirurġija kien aktar teoretiku milli prattiku.[7] Iżda, skont it-Tabib Cassar, mir-riċerka tiegħu fl-Arkivju Notarili sab referenzi f'dokumenti legali li Zammit kien jippossedi 'kotba, arġenterija,

u strumenti tal-anatomija'[8] li minnhom wieħed jista' jikkonkludi li huwa seta' kien midħla anki ta' dissezzjonijiet ta' iġsma ta' nies mejta għal skopijiet ta' analiżi u studju.

Nafu wkoll li Dr Zammit kien iżomm ruħu aġġornat dwar l-iżviluppi fil-mediċina li kienu qed iseħħu fl-Ewropa fi żmienu. Xhieda ta' dan huma wħud mill-kotba ta' Zammit li nsibu fil-Bibljoteka Nazzjonali tal-Belt Valletta li fuqhom naqraw il-kliem bil-Latin miktub minn idejh: '*F. Joseph Zammit dedit et donat*' (Fra Ġużeppi Zammit ta bħala għotja). Dawn il-kotba huma dak li baqa' mil-librerija privata tiegħu li huwa kien ta lis-Sagra Infermerija nhar id-29 ta' Jannar 1687 sabiex ikunu jistgħu jintużaw minn sħabu u mis-suċċessuri tiegħu fil-Katedra tal-Anatomija u l-Kirurġija. Dawn il-kotba kienu jittrattaw mediċina, kirurġija, u 'xjenzi' oħra, u jingħad li kienu jgħoddu mal-ħmistax-il elf volum. Il-gvern tal-Ordni ta' San Ġwann kien bena sala fis-Sagra Infermerija għal din il-kollezzjoni ta' kotba li baqgħet magħrufa bħala l-Istudju tat-Tabib Zammit. Bħala sinjal ta' radd il-ħajr tqiegħdet f'din is-sala xbieha ta' Fra Dr Zammit u taħtha, minquxa fil-ħajt, skrizzjoni bil-Latin li tfakkar din l-għotja.[9] Din il-librerija medika ta' Zammit kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha fil-gżejjer Maltin.[10]

It-Tabib Cassar isemmi li fl-1679 "Fra Dr Zammit talab lill-Gran Mastru biex iwaqqaf xirka (*Accademia*) jew għaqda tat-tobba bil-għan li dawn jiltaqgħu flimkien, kif u meta tinħass il-ħtieġa, biex jistħarrġu l-għamla tal-mard li kien jidher minn żmien għall-ieħor fil-gżejjer tagħna, kif jagħrfuh u jikkontrollawh."[11] Il-Gran Mastru laqa' din it-talba u Fra Dr Zammit inħatar bħala l-ewwel President (*Principe*) tagħha, kariga li dam fiha sal-1694.

## Ġnien Botaniku fil-foss ta' Sant'Iermu

Kontribut validu ieħor ta' Fra Dr Zammit kien fil-qasam tal-botanika farmaċewtika u l-kimika. Fis-seklu XVII ħafna mill-mediċini kienu jinħadmu mill-ħxejjex. Idea innovattiva ta' Zammit kienet il-ħolqien ta' ġnien ta' ħxejjex mediċinali fil-foss tal-Forti Sant'Iermu fis-sena 1690. F'dan il-ġnien botaniku, li Zammit ħallas għalih minn butu, huwa kien ikabbar kampjuni ta' ħxejjex indiġeni biex hekk l-istudenti setgħu jitgħallmu jagħrfu dawn il-ħxejjex, jitrawmu kif u meta jiġbruhom, kif isawruhom, u f'liema mard jagħtuhom. Dan il-ġnien botaniku kien għadu hemm sal-miġja ta' Napuljun f'Malta fl-1798, iżda fl-ewwel snin tas-seklu XIX ittieħed il-Furjana.[12] Madanakollu, sal-1846 kien għad hemm fil-foss kitba bil-Latin li tgħid li Fra Dr Zammit kien għamel għotja ta' ħxejjex miġbura, minnu u bi flusu, minn ħafna pajjiżi tad-dinja. Nafu wkoll li l-ġnien kien imqassam b'passaġġi u ħmiemel tal-fjuri, u mżejjen b'funtani u loġoġ.[13]

Kien bl-inizjattiva ta' Fra Dr Zammit ukoll li saru għadd ta' ritratti taż-żejt ta' nies Maltin magħrufa f'diversi oqsma tal-ħajja. Dawn il-pitturi huwa ħallas għalihom minn butu, u wara mewtu ħalliehom lill-Kulleġġ tal-Ġiżwiti tal-Belt Valletta, illum l-Università l-qadima. Dan għamlu bit-tama li jservu ta' stimolu għall-istudenti Maltin biex jimxu fuq il-passi tal-għalliema ta' qabilhom fl-oqsma tal-mediċina, il-letteratura, l-arti u l-kultura.[14] Fl-1705 Fra Dr Zammit kiteb skrizzjoni bil-Latin għal kull ritratt li fiha semma fil-qosor l-aktar ġrajjiet importanti fil-ħajja tal-persunaġġ impitter. Dawn issejħu *Elogia illustrium virorum melitensium*, u kienu ppubblikati wara mewtu ħafna snin wara.[15] "Ħafna minn dawn ir-ritratti kienu ġa għebu f'nofs is-seklu li għadda [is-seklu XIX] meta ma kienx għad fadal ħlief terz biss minnhom; iżda għad hemm ġabra mdaqqsa minnhom iżżejjen il-ħitan tal-kurituri tal-Università l-qadima."[16]

Il-ħila fil-mediċina ta' Fra Dr Zammit u l-isem tajjeb li kien igawdi joħorġu wkoll mill-fatt li diversi Gran Mastri kellhom stima kbira lejh. Saħansitra Zammit kien it-tabib personali ta' ħamsa minnhom: Nikola Cottoner (1663–80), Gregorju Caraffa (1680–90), Ramon Perellos y Roccaful (1697–1720), Markantonju Zondadari (1720–22), u Antonju Manoel de Vilhena (1722–36). Il-Gran Mastru Caraffa ħatru membru tal-Kulleġġ Mediku meta kien għad kellu biss tlieta u tletin sena, post ta' ġieħ li dak iż-żmien kien jingħata biss lill-iktar tobba msemmija li kien hawn fil-gżira.

Fil-bidu tas-sena 1722 Fra Dr Zammit għamel petizzjoni lill-Gran Mastru li fiha qallu li bħala tabib kien qeda lis-Sagra Infermerija għal tnejn u ħamsin sena sħaħ. Qallu wkoll li issa kellu tnejn u sebgħin sena u kien ibati minn nuqqas ta' saħħa. Għaldaqstant talbu biex iħallih jirtira u biex jingħata pensjoni daqs is-salarju li kellu. Semmielu wkoll li xtaq jieqaf minn Għalliem tal-Anatomija u l-Kirurġija, u talbu li din il-kariga tingħata lil Dr Giuseppe Farrugia, ir-raġel tat-tifla t'oħtu, li kien ilu għoxrin sena jgħallem bla ma jitħallas. It-talba ta' Zammit intlaqgħet fl-24 ta' Jannar. Iżda fit-30 ta' Lulju ta' dik l-istess sena (1722), Zammit ingħata l-ħatra ta' *Protomedico*, jiġifieri l-ogħla uffiċjal fil-qasam mediku fil-Gżejjer Maltin.[17]

## Fra Dr Giuseppe Zammit, saċerdot u membru tal-Ordni ta' San Ġwann

Aspetti oħra tal-ħajja ta' Fra Dr Ġużeppi Zammit huma s-sejħa saċerdotali tiegħu u s-sħubija fl-Ordni ta' San Ġwann bħala Kappillan tal-Ubbidjenza. It-Tabib Pawlu Cassar jgħidilna li mid-dokumenti li huwa kkonsulta tul ir-riċerka tiegħu jidher ċar li Zammit kien bniedem ta' konvinzjonijiet reliġjużi qawwija, u għalhekk wieħed jifhem il-għala

ħaddan is-saċerdozju. Huwa kien ukoll imsieħeb fl-Arċikonfraternità tas-Santissmu Kurċifiss, imwaqqfa fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Minuri (ta' Ġieżu) tal-Belt Valletta.[18] Kellu wkoll devozzjoni lejn San Pawl l-Eremit, kif se naraw aktar 'il quddiem.

F'Ġunju tas-sena 1677 Zammit talab biex jissieħeb bħala membru fl-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann bħala Kappillan tal-Ubbidjenza. Id-dmirijiet marbutin ma' din il-kariga kienu li, flimkien mal-kappillani konventwali l-oħra, jieħu sehem fil-funzjonijiet u s-servizzi liturġiċi fil-knisja ta' San Ġwann tal-Belt u jassisti spiritwalment il-morda fis-Sagra Infermerija. Kif kien isir f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Gran Mastru waqqaf kummissjoni biex tistħarreġ jekk Zammit kienx jissodisfa l-kriterji għal din il-kariga. Il-kummissjoni tat ir-rapport tagħha fl-14 tax-xahar, fejn iddikjarat li Zammit kien wild leġittimu, ma kienx miżżewweġ, ma qatel lil ħadd, ma kellu lil ħadd f'nislu minn nisel il-Lhud jew is-Saraċini, u ma kien membru tal-ebda Ordni ieħor.[19] Għaldaqstant tlett ijiem wara, nhar is-17 ta' Ġunju 1677, Zammit kien aċċettat bħala Kappillan tal-Ubbidjenza taħt it-titlu tal-knisja ta' San Pawl Appostlu ta' San Pawl il-Baħar. L-investitura saret fil-kappella tal-Verġni Mqaddsa fil-Palazz Maġistrali (illum il-Palazz tal-President) fil-Belt. Zammit kien ukoll igawdi benefikat tal-knisja tal-Madonna tal-Pilar fil-Belt Valletta.[20]

## Fra Dr Ġużeppi Zammit u Ħal Balzan

Kif diġà ssemma, għalkemm Fra Dr Zammit ma kienx minn Ħal Balzan, ommu u missieru, flimkien mal-erba' nanniet, kienu Balzanin. Għaldaqstant wieħed malajr jifhem ir-rabta li kellu ma' dan ir-raħal. L-ewwel ħjiel tar-relazzjoni ta' Zammit ma' Ħal Balzan insibuha fil-kuntest tal-artal iddedikat lil San Pawl l-Eremit fil-knisja ta' dan ir-raħal. Dan l-artal kien twaqqaf fil-bidu tas-seklu XVII fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata – dak iż-żmien Ħal Balzan kien għadu jifforma parti mill-parroċċa ta' Birkirkara – minn Lorenzo Borg wara talba lill-Isqof Tumas Gargallo fl-4 ta' Diċembru 1601. Lorenzo Borg kien antenat ta' Zammit min-naħa t'ommu. Ta' min jinnota b'interess il-firxa fid-devozzjoni lejn San Pawl l-Eremit f'din ix-xaqliba tal-gżira. Fil-fatt, minbarra f'Ħal Balzan, insibu artal iddedikat lil dan il-qaddis bikri fil-knejjes parrokkjali ta' Ħ'Attard u ta' Ħal Lija, kif ukoll kappella fil-Mosta.[21]

L-ewwel ħjiel tal-interess ta' Fra Dr Zammit fl-artal ta' San Pawl l-Eremit joħodna lura għas-sena 1686 meta, fl-24 ta' Settembru, huwa ħalla biċċa art magħrufa 'Tal-Għalia' bl-obbligu li jiġu ċċelebrati sitt quddisiet letti fl-ottava tal-festa tal-qaddis.[22] Dak iż-żmien kienet qed tinbena l-knisja parrokkjali tar-raħal li naraw illum (1669–1695). Imbagħad nerġgħu niltaqgħu mat-Tabib Zammit fl-1711 meta, nhar is-16 ta' Ottubru ta' dik is-sena, huwa għamel talba biex l-artal ta' San Pawl l-Eremit jittieħed mill-knisja l-qadima tal-Lunzjata għall-knisja parrokkjali l-ġdida u jitqiegħed flok dak tal-Kurċifiss, billi dan kien ġie ttrasferit għall-post fejn narawh illum. It-talba ntlaqgħet b'digriet tal-Kurja tat-30 ta' Ottubru tal-istess sena, u b'hekk beda jseħħ l-artal ta' San Pawl l-Eremit li naraw illum fil-kappellun tal-lemin inti u tħares lejn l-artal maġġur. Fra Dr Zammit ħalla wkoll legat biex jitħallsu l-ispejjeż għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' dan il-qaddis.[23] Fil-viżta pastorali tal-Isqof Ġakbu Canaves tat-28 ta' Ottubru 1716 insibu konferma li dan l-artal kien ġie ttrasferit għall-knisja parrokkjali l-ġdida.[24]



**Il-kwadru ta' San Pawl l-Eremit fil-knisja parrokkjali. Xogħol tas-seklu XVIII fl-iskola ta' Mattia Preti (1613–1699) (Ara ritratt bil-kulur f'paġna 119)**

Il-kwadru oriġinali meta l-artal kien għadu fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata kien juri lil San Pawl l-Eremit, lill-Verġni Marija u lil San Lawrenz. Iżda fl-14 ta' Frar 1714 dan il-kwadru nbidel fil-kwadru li naraw illum, ikkummissjonat minn Fra Ġużeppi Zammit innifsu. Il-kwadru juri lil San Pawl l-Eremit, li għex bejn is-snin 229 u 342, f'qagħda ta' talb u kontemplazzjoni fid-deżert fejn qatta' l-parti l-kbira tal-ħajja twila tiegħu ta' 113-il sena. Il-kwadru jixhed kwalitajiet sbieħ ta' kompożizzjoni, l-aktar f'dik li hija l-anatomija tal-qaddis eremit nofsu għeri, u għandu jitqies fost l-aħjar xogħlijiet ta' pittura li nsibu fil-knisja

parrokkjali.[25] Skont l-istudjuż u kritiku tal-arti Dr Keith Sciberras, il-kwadru ta' San Pawl l-Eremit huwa xogħol tas-seklu XVIII fl-iskola ta' Mattia Preti (1613–1699).[26] Dan il-pittur kien stabbilixxa ruħu sew fil-kuntest Malti, fejn ġabar madwaru għadd sabiħ ta' pitturi li kienu jgħinuh u jitħarrġu taħtu. Din biż-żmien żviluppat fl-ewwel *bottega* fl-istorja tal-arti f'Malta.[27] Bħala membru tal-Ordni ta' San Ġwann, ma setax jonqos li t-Tabib Zammit ma kienx b'xi mod midħla ta' Mattia Preti, Kavallier tal-Ubbidjenza fl-istess Ordni, u li kien kiseb isem kbir bil-pittura tas-saqaf tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann u d-dekorazzjoni tagħha bejn is-snin 1661 u 1666. Meta Zammit ikkummissjona l-kwadru ta' San Pawl l-Eremit, *il cavalier Calabrese* kien għad ilu biss ftit snin mejjet, iżda l-*bottega* tiegħu kienet x'aktarx għadha fl-aqwa tagħha.

Ir-rabta ta' Fra Dr Ġużeppi Zammit ma' Ħal Balzan tmur lil hinn mill-kontribut tiegħu bħala prokuratur tal-artal ta' San Pawl l-Eremit bejn is-snin 1699 u 1740.[28] Kien f'dan ir-raħal tal-antenati tiegħu li Zammit iddeċieda li jibni dar fejn seta' jsib il-mistrieħ mistħoqq meta ġie biex jirtira. Din id-dar tinsab fil-qalba tar-raħal għad-dell tal-knisja parrokkjali, fit-triq li llum hija msemmija għall-Kan. Dun Spir Sammut. Din id-dar pjuttost modesta, mibnija b'żewġ sulari, bi ġnien magħha, sirna nafu biha biss ftit snin ilu. Kien fl-1980 li l-importanza storika ta' din id-dar ħarġet fid-dieher bis-saħħa taż-żewġ skrizzjonijiet bil-Latin li nstabu fiha, li tefgħu dawl fuq min kien sidha u x'kien il-ħsieb tiegħu meta bnieha, biex hekk illum nistgħu ngħodduha parti mill-wirt fil-ġebla li għandu r-raħal tagħna.[29]

Sal-1980 ħadd ma kien jobsor bis-siwi storiku ta' din id-dar. Il-ħitan tagħha kienu miksija b'min jaf kemm-il tibjida ġir li meta nbarxu dehru ż-żewġ skrizzjonijiet imsemmija. L-ewwel waħda tinsab fuq il-blata tal-bieb ta' barra. Hija kitba qasira li tgħid: *MAIOR POST OTIA VIRTUS STAT*, li bil-Malti tfisser: *Is-saħħa tikber wara żmien ta' mistrieħ*. Fuq ġewwa tad-dar, fuq il-blata tal-bieb li mill-intrata jagħti għall-kontra-intrata, qrib it-taraġ li jagħti għas-sular ta' fuq, insibu minquxa fil-ġebla skrizzjoni oħra, din id-darba nkwadrata minn żewġ linji paralleli minquxa fil-ġebla wkoll, xogħol ta' xi dilettant aktar milli ta' xi ħadd tas-sengħa.[30] Il-kitba tgħid hekk:

D O M
QUOD EGO SERIUS SERO
ALIUS SERO
JOSEPH ZAMMIT a. ET MEDICINE (sic) DOCTOR
ANNORUM 68
P.P
ANNO DOMINI 1717

Maqluba għall-Malti tiġi bejn wieħed u ieħor hekk: *Lil Alla Wisq Tajjeb, Wisq Kbir. Dak li jien inħawwel bil-ħerqa, ħaddieħor igawdih wara. Ġużeppi Zammit, Duttur fl-Anatomija u fil-Mediċina, ta' 68 sena, mill-qalb, fis-sena tal-Mulej 1717.*

Bħalma josserva t-Tabib Pawlu Cassar, Fra Dr Zammit ma jsemmi xejn f'din l-iskrizzjoni dwar is-





**In-naħa ta' wara tad-dar li Fra Dr Ġużeppi Zammit bena fl-1717 għall-mistrieħ tiegħu qrib il-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Ritratti tas-snin 70 u 80 tas-seklu l-ieħor**

saċerdozju tiegħu, imma jagħti prominenza lill-fatt li kien duttur fl-anatomija u l-mediċina,[31] dettall kurjuż li forsi qatt m'aħna se nispjegawh. Kienet x'kienet ir-raġuni ta' din l-ommissjoni, din l-iskrizzjoni hija dokument storiku importanti billi titfa' dawl fuq l-aħħar snin tal-ħajja tat-Tabib Zammit. Jidher ċar li huwa għażel li jqatta' l-mistrieħ tiegħu f'din id-dar f'Ħal Balzan, raħal twelid missirijietu, għall-kwiet u s-serenità li kienet toffri, fl-arja safja tal-ġnien li kellu mad-dar. Illum, sfortunatament, dan il-ġnien spiċċa għal kollox: parti minnu kienet ittieħdet fis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor biex saru l-bandli ta' wara l-knisja, fejn it-tfal tar-raħal setgħu jirrikreaw ruħhom.[32] Xi snin wara dak li kien baqa' mill-ġnien inbena u sar żona residenzjali. Iżda d-dar baqgħet wieqfa, u għalkemm sarulha xi alterazzjonijiet biex ġiet ikkonvertita f'*wine bar*,[33] ħafna mill-karatteristiċi tagħha għadhom hemm.




**Il-faċċata tad-dar tat-Tabib Zammit kif tidher illum, ikkonvertita f'*wine bar* li jismu *Fra Giuseppe***

X'aktarx ma nkunux żbaljati jekk ngħidu li kien f'din id-dar li Fra Dr Ġużeppi Zammit għalaq għajnejh għall-aħħar darba, tlieta u għoxrin sena mid-data minquxa fl-iskrizzjoni msemmija. Zammit miet Ħal Balzan fit-2 ta' Novembru 1740,[34] u ndifen tefgħa ta' ġebla bogħod fil-knisja parrokkjali tal-Lunzjata quddiem l-artal ta' San Pawl l-Eremit, il-qaddis li tant ħabb u li lejh kellu devozzjoni speċjali. Is-sena ta' wara, fl-1741, tqiegħdet kitba fuq qabru min-neputija tiegħu Agata Farrugia Magri, mart Dr Giuseppe Farrugia, li kien ħa post Fra Ġużeppi Zammit meta rtira minn Għalliem tal-Anatomija u l-Kirurġija, kif diġà ssemma.[35] Din il-lapida m'għadhiex hemm billi kienet tneħħiet fl-1952 meta fil-knisja parrokkjali sar il-paviment tar-rħam, li kien inawgurat nhar l-1 ta' Diċembru 1951.[36] Kopja ta' din il-lapida, miktuba bil-Latin, tqiegħdet mal-ħajt bejn il-pilastri tal-apside tal-kor, in-naħa tal-lemin meta tħares lejn il-kwadru titulari. Il-lapida tgħid hekk:

D. O. M.
PERLEGE VIATOR
URNAM HANC QUAM PRO SE ET SUIS
FR JOSEPH ZAMMIT ORD. HIEROSOL.NI
ARTIS ET MEDICINAE DOCTOR INSIGNIS
NEC NON
COMES PALATIUS
ACADEMIAE PHYSICORUM LECTOR
M.M. FR ANTONII MANUEL ARCHIATER
ELEGIT
VIXIT AD NONAGINTA ANNOS
VITAM CUM MORTE COMMUTAVIT
DIE 2 MEN. OCT.RIS 1740
HINC
AGATA FERRUGGIA (sic) ET MAGRI NEP.TIS
IN GRATI ANIMI TESTIMONIUM
HOC SEPULCRALI LAPIDE
ORNAVIT 1741.
HIC TITULUS TRANSLATUS EST AD 1952

Bil-Malti nistgħu nittraduċuha hekk: *Lil Alla Wisq Tajjeb, Wisq Kbir. Inti li għaddej, ħares lejn dan l-imkien tal-mistrieħ li Fra Ġużeppi Zammit tal-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann għażel għalih u għal qrabatu. Huwa kien Duttur eminenti tal-Arti u l-Mediċina, u anki Uffiċjal tal-Palazz u Għalliem fl-Akkademja Medika u Tabib Ewlieni tal-Gran Mastru Antonju Manoel (de Vilhena). Għex sal-għomor ta' 90 sena. Għadda għall-ħajja ta' wara l-mewt fit-2 jum tax-xahar ta' Ottubru 1740. In-neputija tiegħu Agata Farrugia Magri qiegħdet din il-lapida sepulkrali b'sinjal ta' gratitudni fis-sena 1741. Din il-lapida kienet trasferita hawn fl-1952.*[37]

L-artal ta' San Pawl l-Eremit fil-knisja parrokkjali u d-dar tal-mistrieħ fuq wara tal-istess knisja huma ż-żewġ tifkiriet li għandna f'Ħal Balzan tat-Tabib Fra Ġużeppi Zammit. Dan is-saċerdot u tabib ewlieni, Kappillan tal-Ubbidjenza fl-Ordni ta' San Ġwann, kien pijunier fl-iżvilupp tal-edukazzjoni medika f'Malta u ta kontribut siewi f'dan il-qasam hekk li kien magħġub saħansitra mill-mexxejja tal-Ordni. Fi żmienu, bejn nofs is-seklu XVII u nofs is-seklu XVIII, Fra Dr Zammit ra 'l Ħal Balzan jitwaqqaf bħala parroċċa. Ra wkoll it-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali f'Diċembru 1669 u t-temmija fl-1708 tal-bini ta' din il-knisja li, wara mewtu, kellha tilqa' fiha l-fdalijiet tiegħu. Il-Balzanin għandna għax ngħożżu t-tifkira ta' dan il-Malti, ta' nisel Balzani, li għamel ġieħ lil artna.

**Referenzi**

[1] Għalkemm G. Calleja jgħid li Fra Dr Zammit twieled iż-Żurrieq (*The Works of Art in the Churches of Malta*, Malta: 1881, 191), minn tiftix li għamel it-Tabib Pawlu Cassar fl-Arkivju tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann huwa sab li Zammit twieled il-Belt Valletta. Ara (Dr) Pawlu Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *Ħal Balzan* Nru 5, Mejju/Ġunju 1972, 4.

[2] Cassar, *ibid., loc.cit.*

[3] (Mons. Prof.) Vinċenz Borg, 'Kelmtejn tal-Bidu', f'(Mons. Dun) Ġwann Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999*, Malta: Kunsill Lokali Balzan, 2004, xxi.

[4] (Dr) Paul Cassar, *Three Medical Biographies*, Malta: The University of Malta, 1984, 5.

[5] *Ibid.*, 5–6.

[6] Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4.

[7] Ara M.A. Grima, *Instituzioni d'anatomia*, Venezia: 1781, 31–33. Ikkwotat minn Cassar, *Three Medical Biographies, op.cit.*, 7.

[8] Mill-atti tan-Nutar J. Callus tal-5 ta' Ottubru 1693, u tad-29 ta' Lulju 1709; u mill-atti tan-Nutar B. Vassallo tas-27 ta' Settembru 1686. Ikkwotati minn Cassar, *ibid., loc.cit.*

[9] Illum la s-sala u lanqas l-iskrizzjoni ma għadhom jeżistu billi din il-parti tas-Sagra Infermerija ġġarrfet fl-aħħar gwerra dinjija. Skont it-Tabib Cassar, ir-ritratt taż-żejt ta' Fra Dr Zammit li nsibu fil-Bibljoteka tal-Belt aktarx huwa l-istess wieħed li kien hemm fis-Sagra Infermerija. Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4.

[10] Cassar, *Three Medical Biographies, op.cit.*, 8–9.

[11] Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4.

[12] Paul Cassar, *Medical History of Malta*, London: 1965, 502.

[13] Ara *Storia della Società Medica d'Incoraggiamento di Malta*, Malta: 1845, iv-v & viii. Ikkwotata minn Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4, u *Three Medical Biographies, op.cit.*, 12.

[14] Ara Ms 1142, *Galleria maltese*, 183, fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta. Ikkwotat minn Cassar, *Three Medical Biographies, op.cit.*, 10.

[15] Ara A. Schembri, *Selva di autori e traduttori maltesi. Appendice*, Malta: 1855, xxxi. Ikkwotat minn Cassar, *ibid., loc.cit.*

[16] Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4.

[17] Cassar, *Three Medical Biographies, op.cit.*, 11.

[18] G. Scerri, *Monografia dell'Arciconfraternità del Santissimo Crocefisso*, Malta: 1932, 44.

[19] Ara Cassar, *Three Medical Biographies, op.cit.*, 14.

[20] Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4.

[21] L-artal ta' San Pawl l-Eremit fil-knisja ta' Ħ'Attard jissemma għall-ewwel darba fl-1588 u kien jinsab fuq ix-xellug tal-artal maġġur. L-artal fil-knisja l-qadima ta' Ħal Lija, iddedikat lil San Pietru u San Pawl l-Eremit, kien jinsab fuq il-lemin tal-artal maġġur u fl-1601 kellu diġà l-kwadru tiegħu. Għal aktar tagħrif dwar dan l-artal fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija, ara Mons. Vinċens Borg, 'Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija sal-Jum tal-Konsagrazzjoni Tagħha', f'Mons. Vinċ. Borg (ed.), *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija*, Malta: 1982, 54–55. Il-kappella ta' San Pawl l-Eremit fil-Mosta tinsab mibnija ġo għar f'Wied il-Għasel. Kull sena, fil-Ħadd qrib il-15 ta' Jannar, il-festa tal-qaddis, titqaddes quddiesa waranofsinhar f'din il-kappella li jattendu għaliha ħafna nies. Ara Vincent Borg, *Melita Sacra II – The Maltese Diocese during the Sixteenth Century*, Malta: 2009, 713. Ara wkoll il-folju 'Il-Knisja ta' San Pawl Eremita f'Wied il-Għasel, il-Mosta', imniedi b'għajnuna mill-Kunsill Lokali tal-Mosta u Din l-Art Ħelwa.

[22] Arkivju Parrokkjali Ħal Balzan, Lib. 20, fol. 321, ikkwotat minn (Dun) Ġwann Dimech, 'Il-Knejjes iż-Żgħar ta' Ħal Balzan', *Ħal Balzan* Nru 4, Marzu/April 1972, 2.

[23] Arkivju Parrokkjali Ħal Balzan, *Libro bilanciale della parrocchiale chiesa di Balzan*, No. 24, dal 1mo febbraio 1809, ikkwotat minn Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4.

[24] Dimech, 'Il-Knejjes iż-Żgħar ta' Ħal Balzan', *Ħal Balzan* Nru 4, *op.cit.*, 2.

[25] Fis-sena 2007 saret talba mill-parroċċa biex dan l-artal jiġi ddedikat lil San Ġorġ Preca, li kien għadu kemm ġie kanonizzat f'Ġunju ta' dik is-sena. B'xorti tajba l-Kurja ma laqgħetx it-talba biex tinbidel id-dedika tal-artal. Illum il-qaddis Malti għandu sottokwadru fuq l-istess artal, kif inhu xieraq.

[26] Dr Keith Sciberras ra dan il-kwadru meta żar il-knisja parrokkjali nhar it-Tnejn, 3 ta' Jannar 2011, wara stedina li għamillu l-awtur preżenti.

[27] Fl-istudju tiegħu dwar l-arti Barokka f'Malta, Dr Keith Sciberras jagħżel bejn xogħlijiet li ħarġu direttament minn idejn Mattia Preti (*di sua propria mano*) u dawk attribwiti lilu. Fost dawn tal-aħħar insibu x-xogħlijiet li, għalkemm huma ħolqien tal-Preti, saru mill-assistenti tiegħu imbagħad il-Kalabriż kien jagħtihom l-aħħar pinzellati; dawn huma x'aktarx magħrufin bħala xogħol 'Mattia Preti u l-*bottega*'. Hemm imbagħad dawk li saru mill-bottega ta' Preti, forsi b'xi forma ta' superviżjoni, imma mhux intervent, min-naħa tiegħu, u għalhekk jissejħu 'xogħol il-*bottega* ta' Mattia Preti'. Fl-aħħar nett hemm dawk il-pitturi li saru mis-segwaċi ta' Preti mingħajr l-ebda għajnuna min-naħa tiegħu. Sciberras jgħid li ftit nafu dwar x'ġara mill-*bottega* ta' Mattia Preti wara mewtu, jekk il-pitturi baqgħux jaħdmu bħala grupp għal xi snin tul is-seklu XVIII jew inkella bdewx jaħdmu għal rashom. Ara Keith Sciberras, 'The *bottega* of Mattia Preti and Giuseppe D'Arena', *Baroque Painting in Malta*, Malta: Midsea Books, 2009, 165 u 190.

[28] Arkivju Parrokkjali Ħal Balzan, Lib. 41, ikkwotat minn Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999, op.cit.*, 107.

[29] Mons. Dun Ġwann Dimech jirrakkonta l-iskoperta ta' din id-dar fil-ktieb tiegħu *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999, op.cit.*, 352-354.

[30] Ara Cassar, *Three Medical Biographies, op.cit.*, 15.

[31] *Ibid., loc.cit.*

[32] Din il-*playing field* kienet inawgurata fl-1 ta' Lulju 1978. Snin wara l-Kunsill Lokali żviluppaha fi ġnien li ssemma għal Joseph A. Stellini, l-ewwel Sindku ta' Ħal Balzan. Dan il-ġnien kien inawgurat uffiċjalment f'Jum Ħal Balzan, nhar il-15 ta' April 2007.

[33] Dan il-*wine bar*, b'mod xieraq ħafna, issemma 'Fra Giuseppe'.

[34] Arkivju Parrokkjali Ħal Balzan, *Liber defunctorum*, Vol. II, 1740.

[35] Ara Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4.

[36] Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999, op.cit.*, 213.

[37] Ta' min jinnota l-iżball fid-data tal-mewt li nsibu f'din il-lapida. Fra Ġużeppi Zammit miet fix-xahar ta' Novembru u mhux ta' Ottubru, kif hemm minqux fil-lapida tal-kor. "Dan jixhduh ukoll dokumenti li jinsabu fil-Bibljoteka Pubblika tal-Belt," jikteb it-Tabib Pawlu Cassar. "Fejn dawn id-dokumenti ma jaqblux ma' xulxin huwa dwar kemm kellu snin Fra Dr Zammit meta miet. Hemm min qal 90 sena, oħrajn 91, u anki 94. Ma hemmx dubju, iżda, li Fra Dr Zammit miet ta' 90 sena għax nafu li huwa twieled fl-1650 fit-18 ta' Marzu." Cassar, 'Frater Doctor Joseph Zammit', *op.cit.*, 4.